# Il-Kwadri ta' fuq l-Altari fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu

*kitba ta' Raymond Saliba*

**IL-KNISJA Parrokkjali ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, bħal bosta knejjes oħra, hi mimlija b'opri artistiċi, anke jekk mhix wisq antika. Min jaf kemm-il darba naraw dawn l-opri bla ma nifhmu t-tifsira warajhom, sew dik artistika, kif ukoll storiko-soċjali. Hu f'dan il-kuntest li sejjer nagħmel xi osservazzjonijiet dwar parti minn dan il-patrimonju biex wieħed jifhem u japprezza.**

Ngħid għalija, l-akbar teżori li għandha din il-knisja huma il-kwadri fuq l-altari, bosta minnhom ta' valur artistiku konsiderevoli. Il-fatt li saru għal fuq l-altar, kien jitlob mill-artisti rispettivi, impenn akbar għaliex jaf li ser jiġbdu aktar attenzjoni, ikunu ta' daqs kbir u normalment jibqgħu fil-lok permanentament, mhux bħal opri oħra, speċjalment li jintużaw għall-kult jew biex jiddekoraw it-tempju fil-festi prinċipali. Kull kwadru għandu storja partikolari. Apparti mill-mertu artistiku u n-narattiva reliġjuża b'elementi duttrinali jew devozzjonali, jista' jkollu konnotazzjoni soċjali, sew marbuta ma' individwu (bħal benefattur), jew kollettiva mal-komunita' parrokkjali jew għaqda (bħal fratellanza)

Meta nistudjaw il-kwadri ta' dawn l-altari, inkunu qed nieħdu idea tajba tal-gosti artistiċi tal-perjodu bejn l-1850 u l-1900, ħlief għall-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura li jidher li sar qabel. Il-kumplament huma tipiċi ta' żmienhom u jirriflettu stili differenti, kultant kuntrastanti. Min għamel l-għażla ta' l-artisti għaraf jinqeda b'uħud mill-aħjar talenti li kien hemm dik il-ħabta, sew ta' Maltin kif ukoll barranin. Xhieda ta' dan hi l-kwalita' għolja ta' bosta minn dawn il-kwadri li jixirqilhom qegħdin f'xi sala ta' mużew.

Il-perjodu li matulu nbniet il-knisja u saru fiha dawn il-kwadri kien wieħed transitorju u jaħraq f'pajjiżna. Fl-Ewropa kien ilu ftit li l-Barokk ġie mwarrab u kien in voga in-Neoklassiku. Ħawn Malta kien jeżisti Moviment tan-Nazzareni immexxi minn Giuseppe Hyzler. Anke wara li dan miet (1858),

xorta waħda baqa' jsir ħafna xogħol fil-knejjes b'tendenzi klassiċi, kif kienet mgħallma fl-Akkademja ta' San Luqa f'Ruma, fejn anke ħadu l-formazzjoni tagħhom bosta artisti Maltin. Pero' kien hemm ukoll tendenzi oħra differenti ta' espressjoni Realista, li kienet f'konfront ma' dik tal-Puristi. F'din il-kitba ser nitkellem biss dwar ix-xogħol ta' Giuseppe Cali (1846-1930) u ta' Pietru Gagliardi (1809-1890) li huma eżempju eċċellenti tal-kuntrast artistiku li qed insemmi.

Giuseppe Cali studja fl-Akkademja ta' l-Arti f'Napli u kien espost għal tendenzi differenti barra dawk tan-Nazzareni. Kellu influwenza kbira fuqu ix-xogħol ta' Filippo Palizzi u Domenico Morelli li kienu nqatgħu minn dak li hu strettament akkademiku u klassiku biex fittxew espressjoni aktar realistika. Meta Cali rritorna Malta fl-1867, naturalment sab ambjent ostili għal mod ta' kif xtaq jesprimi ruħu u ma kienx faċli biex għall-bidu jibdel din il-mentalita' konformista li kellha bħala promoturi bosta nies kolti, l-aktar ekkleżjastiċi, Wieħed minn dawn kien Mons. Pawlu Pullicino (1815-1890), li kien imur ħafna Ruma u tħabbeb ma' diversi artisti Taljani jew oħrajn attivi hemm u ħadem biex jagħtihom diversi kummissjonijiet għal xogħol fil-knejjes Maltin. Meta ra l-veriżmu ta' Cali, ċertament li ddarras u ra kif għamel biex iħajjar lil Pietru Gagliardi (fost oħrajn) biex jaħdem skond il-gosti tiegħu, dawk Romantiċi u Puristi. Naturalment ir-reazzjoni ta' Cali kienet ta' diżapprovazzjoni u fuq dan kien hemm bosta polemiċi anke fil-ġurnali.

## SAN GEJTANU

**DAN huwa l-kwadru titulari, mhux biss ta' l-altar li jinsab fuqu iżda ukoll tat-tempju għaliex il-knisja hi ddedikata lil dan il-Qaddis. Sar ġewwa Ruma minn Pietro Gagliardi u nġieb fil-5 ta' Lulju 1881, is-sena li fiha l-Ħamrun sar Parroċċa. Qam mitt lira u ħallas għalih l-Isqof Gaetano Pace Forno li kien strumentali biex il-knisja ssemmiet għal San Gejtanu. Għalhekk l-artist poġġa l-istemma ta' l-Isqof fil-bażi tal-kolonna.**

L-għażla tas-suġġett kienet naturali - San Gejtanu fl-aktar mument speċjali ta' ħajtu, id-deħra li kellu fil-Milied tal-1517, meta Marija offrietlu lil Binha Ġesu'. Hu suġġett popolari ferm ma' l-artisti li pittru l-Qaddis u per konsegwenza popolari ukoll mad-devoti tiegħu. Dan mhux biss hu mument sabiħ u speċjali għall-Qaddis iżda anke għall-ispettatur li filwaqt li jammira l-kwadru, jidħol fl-ispirtu tas-suġġett u mal-protagonisti jimmedita dan il-mument mhux komuni. Fl-Arti Sagra dan is-suġġett fejn xi qaddis ikollu lil Marija toffrilu lil Ġesu' jew meta hu nnifsu ikun qed iżommu f'idu, huwa mument kuntrastanti. Dan għaliex filwaqt li jaspira sens ta' kalma u serenita' bħal meta f'adorazzjoni, mill-banda l-oħra jitfaċċa quddiemek ambjent ta' festa u ferħ - ta' solennita'. Id-deħra fiha element qawwi ta' misteru, ma tinftiehemx jekk ma tkunx esperjenzata għax hi esperjenza mistika u personali.

F'dan il-kuntest it-titular tal-Ħamrun hu mudell perfett. Il-ġesti tat-tliet persuni huma sinkronizzati f'mument ta' sottomissjoni profonda, mument ta' grazzja. Il-moviment hu kkontrollat, b'linja sempliċi u kuluri nodfa, tipikament

Purista. Is-sħab li fuqu qed tistrieħ Marija qed jaqtagħha mid-dinja 'reali', b'kuntrast mal-Qaddis li jinsab għarkobbtejh fuq it-tarġa ta' l-altar. L-eżekuzzjoni hi tajba ħafna b'bilanċ ta' proporzjon u kulur. Il-figura ta' Marija u l-aktar dik ta' Ġesu', għandhom komportament doċli, ta' ħlewwa u grazzja li tispira devozzjoni.



## ID-DULURI

**DAN il-kwadru, xogħol ieħor tat-Taljan Pietru Gagliardi sar fl-1880. Hu mhux biss wieħed mill-aħjar xogħolijiet tiegħu f'Malta, iżda mill-isbaħ b'dan is-suġġett ukoll. Id-Duluri fil-Ħamrun għandha devozzjoni kbira u ma setax jonqos li jsir altar tagħha mill-bidu fil-knisja l-ġdida. Marija tinsab bilqiegħda fuq il-kalvarju b'idha miftuħa beraħ u b'Ġesu' mitluq fuq ħoġorha.**

L-atmosfera hi kif mistenni, waħda ta' dieqa u għalkemm it-temp hu mudlam bħal f'xi tempesta, pero' xorta jaspira f'min jarah sens ta' ħniena u aċċettazzjoni, mhux ta' disperazzjoni. Il-kuluri huma bilanċjati bil-blu, roża u isfar tal-libsa tal-Madonna, mat-terħa ħadra u karnaġġjon ġriż ta' Kristu. Il-kompożizzjoni mibnija bi trijangolu għall-figuri umani li jinkiser bis-salib u l-pajsaġġ, flimkien mas-simboli tal-passjoni. Ħasra li dan ix-xogħol brillanti ftit li xejn hu magħruf.

## IL-MADONNA TAL-KARMNU

**NORMALMENT kull artist tajjeb, għalkemm tagħraf xogħolu għaliex ikun fih timbru partikulari, ikollu diversi fażijiet li jirriflettu l-iżvilupp li jkun qed jagħmel.**

Ġużeppi Cali, il-pittur ta' dan ix-xogħol, kien hekk ukoll - dejjem jimmatura u jorqom xogħolu. Għall-knisja tal-Ħamrun għamel tliet kwadri għal altari, li

nistgħu ngħidu jidħlu ma' l-ewwel fażi ta' l-attivita' artistika tiegħu meta kien għadu ossessjonat bit-tagħlim li xorob minn Napli.



Dan il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, kont issibu fil-parti l-kbira tal-knejjes Parrokkjali għaliex id-devozzjoni lejn dan it-titlu Marjan hi kbira. Wieħed irid jiftakar ukoll li l-Ħamrun hu viċin il-Belt, fejn hemm is-Santwarju Nazzjonali Karmelitan. Jidher li dan kien wieħed mill-ewwel kwadri li saru fil-knisja meta lanqas kienet għadha parroċċa, fl-1879 u ħallas għalih Ġużeppi Farrugia Preca, li tiegħu hemm stemma fuq il-kwadru.

Jidher ukoll li kien wieħed mill-ewwel kwadri li Cali pitter għal fuq l-altari f'pajjiżna, probabbilment it-tieni jew it-tielet, wara dak tal-Madonna tar-Rużarju fil-parroċċa tal-Mosta (1870).

Dan il-kwadru, għalhekk, hu importanti biex wieħed jifli xogħol bikri ta' l-artist fejn juri dixxiplina u karattru akkademiku, b'impasta qawwi u realiżmu ta' livell eċċezzjonali, l-aktar fit-trattament tal-muntanja u s-serp, kważi maqlugħ 'il barra mill-kwadru.

Il-kompożizzjoni hi sempliċi bil-figura tal-Madonna biċ-ċkejken Ġesu' fi ħdanha, tiddomina kważi l-kwadru kollu. Il-ħarsa tagħhom frontali hi grazzjuża, daqskemm devota, b'mudellatura riġida, li tfakkrek f'mudelli klassiċi.

L-isfond bi sħab miksur b'dawl qawwi mid-dija li qed toħroġ minn wara ras Marija tikkuntrasta bil-kif il-parti ta' taħt fejn hemm is-serp, xempju tad-dlamijiet.

## SAN ĠUŻEPP



**SAN ĠUŻEPP, bħal San Gejtanu il-patrun tal-parroċċa, kellu minn dejjem devozzjoni kbira fil-Ħamrun, tant li parti minnu kienet tissejjaħ Casale San Giuseppe. Wisq probabbli, li ma kienx għall-interess personali ta' l-Isqof Pace Forno, din il-parroċċa kienet tkun iddedikata lil San Ġużepp.**

Dan il-kwadru, li preżentament jinsab f'post importanti fil-knisja, pero' qabel kien flok wieħed mill-bibien tal-ġnub, kien kummissjoni ferm importanti, li Cali jidher li ħadha bl-akbar impenn. L-ewwel nett il-Qaddis kien għadu f'kompetizzjoni mat-titular, kien iġib ismu u jidher li permezz tiegħu ried jagħti risposta lill-kritiċi tal-kwalitajiet li kellu.

Pittru fl-1884 u l-benefattur kien Antonio Attard li tiegħu ukoll hemm l-istemma fil-parti t'isfel, Hu meqjus mill-kritiċi bħala wieħed mill-kapolavuri ta' l-artist fejn tidher ċara l-ispirazzjoni Morreljana. Il-kwalitajiet artistiċi tiegħu huma evidenti f'kull sens, ibda min-naturaliżmu tal-persuni bid-dellijiet simili għax-xogħol tal-Morelli u kompli fit-trattament ta' l-isfond, li filwaqt li hu kemmxejn sobriju iżda kull ħaġa li tidher fih hi trattata sa l-iċken dettall.

San Ġużepp jidher bħala raġel ġwejjed li b'kalmezza u għożża qed jindokra lil Ġesu', sorġut fuq ċint. Hu ukoll il-ħaddiem , f'ambjent tax-xogħol u fuq rasu qed ixidd kappott li jibqa' nieżel sa l-art, dettall mhux komuni fl-ikonografija Ġużeppina.

Għall-finezza tiegħu, dan il-kwadru jixraqlu li jkun apprezzat aktar għax kif jgħid tajjeb korrispondent fil-Corriere Mercantile Maltese tat-3 ta'

Diċembru 1885 - dan ix-xogħol hu dehen li jitpoġġa f'waħda mill-iprem knejjes tad-dinja!



## IL-MADONNA TAD-DUTTRINA

**Il-kwadru tad-Duttrina jidher li sar qrib l-1885 meta d-devozzjoni lejn dan it-titlu Marjan kienet fl-aqwa tagħha f'Malta. Tant hu hekk li f'parroċċi qrib, bħall-Furjana u Birkirkara, kienet issir festa kbira u kellhom anke l-vara proċessjonali. Festi simili kienu jsiru ukoll f'Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun u f'Ħal Tarxien.**

Din id-darba Cali għamel kompożizzjoni ffullata b'sitt figuri. Fiċ-ċentru Marija b'idha tal-lemin qed tfiehem u bl-oħra żżomm skrittura b'kitba bil-latin sorġuta fuq framment ta' kolonna. It-tfal jirrappreżentaw il-ħames kontinenti li jekk wieħed jinnota tajjeb qed iwasslu messaġġ storiku, daqskemm attwali. Fuq il-lemin hemm erba' minnhom isegwu b'attenzjoni, filwaqt li fuq ix-xellug it-tfajjel tork jinsab b'rasu baxxuta donnu bla nteress f'dak li qed jiġri. Tgħid din metafora ta' l-ostilita' li dejjem kien hemm bejn ir-reliġjonijiet Kattolika u Islamika?

F'dan ix-xogħol, l-artist donnu jibda jittrasforma ruħu - isir anqas realistiku u jdaħħal umanita' u grazzja fl-espressjoni tal-personaġġi. Il-kompożizzjoni hi artikolata tajjeb, kif inhi ukoll l-iskema kulurita tal-kwadru.

**DAN ma jistax jissejjaħ apprezzament storiku, iżda aktar tifsira biex wieħed japprezza l-lingwaġġ artistiku li kull kwadru suppost ikollu. Nittama li darb'oħra nkomplu l-kumplament tal-kwadri li għandna jsebbħu t-tempju ta' San Gejtanu biex nifhmu u napprezzaw dawn it-teżori li forsi ftit aħna konxji mill-valur tagħhom**

**© R. Saliba, 2001**